# Tliet Avvenimenti li taw Bixra aktar Denja lill-Festa tal-Patruna tagħna Sta. Katarina V.M.

*Kitba ta' Louis Tanti*

Din is-sena qed niċċelebraw tliet anniversarji kbar li seħħew ġewwa ż-Żejtun. Dawn ġabu bidla aktar denja u mistħoqqa fil-katina ta' suċċessi marbuta mal-istorja tar-raħal tagħna. Il-qofol ta' dawn l-avvenimenti jseħħu fil-festa tal-għażiża Patruna tagħna Santa Katarina V.M. matul ix-xahar ta' Ġunju.

**It-tliet avvenimenti huma:-**

1) Il-Ġublew tal-Fidda tal-Post tan-Nar, li jaf il-bidu tiegħu f'Jannar **1990**

2) Għeluq l-40 sena mit-twaqqif tal-Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru fis-sena **1975**

3) Għeluq il-25 sena mit-trasferiment tal-festa, mix-xitwa għas-sajf f'Ġunju **1990**

Bla dubju ta' xejn it-tlieta huma mportant biex illum qegħdin niċċelebraw festa grandjuża minn kull aspett f'Beltna. Illum b'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li dawn l-isfidi ġew megħluba sabiex flimkien ma' diversi għaqdiet oħra, poġġew fuq pedestall għoli ċ-ċelebrazzjonijiet kbar li jsiru ġewwa ż-Żejtun matul il-jiem tal-festa. Iżda f'dan l-artiklu jiena ser niffoka l-iktar fuq il-Ġublew tal-Fidda tal-Post tan-Nar ġewwa Lambordi.

L-Għaqda tagħna taf il-bidu tagħha fis-sena 1975, meta s-Sur John Abela, li dak iż-żmien kien is-sagristan tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun, flimkien ma' xi żgħażagħ oħrajn li kienu jiffrekwentaw il-knisja sabiex jgħinu f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-armar tal-knisja kif ukoll mal-armar ta' barra, kienu ħadu l-inizzjattiva, bil-għajnuna ta' xi persuni oħrajn anzjani miż-Żejtun u ta' oħrajn li minn għandhom kien jinxtara n-nar, sabiex jibdew jaħdmu xi xogħol tan-nar għall-festa.
Fi snin tmenin, ix-xogħol tan-nar kien żdied ġmielu fil-jiem tal-festa. Iżda peress li l-festa tat-titular tagħna kienet tkun iċċelebrata fix-xahar ta' Novembru u t-temp ma tantx kien ikun jippermetti, kulħadd kien ikun b'dieqa f'qalbu u b'nuqqas ta' kuraġġ u ħeġġa. Ħadd m' għaddielu minn rasu li xi darba għad tinxtara biċċa art u fuqha tinbena l-kamra tan-nar. Biss meta fis-sena 1986 bdiet

ikompli f'paġna 17

*ikompli min paġna 15*

tinxtered ix-xnieha li jkun aktar għaqli li l-festa tiġi trasferita għas-sajf, il-membri tal-Għaqda tan-Nar unanimament qablu li kien hemm bżonn li tinxtara biċċa art addattata li fuqha tinbena kamra tan-Nar sabiex kollox ikun skont kif stipulat bil-liġi.

Għalhekk ġara li f'Diċembru tas-sena 1986 bdew it-tħejjijiet sabiex ikun magħruf fejn hu l-aħjar post li fuqha tista' tinbena l-kamra tan-Nar. Mingħajr telf taż-żmien bdiet it-tfittxija għal din il-biċċa art. Fil-bidu tas-sena 1987 konna qbilna fuq l-art li tinsab ġewwa Lambordi u ffirmajna l-konvenju wara li lestejna r-riċerka meħtieġa. Għalhekk ressaqna il-pjanti tagħna lid-Dipartiment li dak iż-żmien kellu l-ħruġ tal-permessi f'idejh sabiex seta' jibda l-proċess elaborat li kien hemm bżonn. Dan seħħ f'Mejju tas-sena 1987, iż-żmien li fih kien hawn diversi diskussjonijiet għaddejin dwar li l-festa tiġi trasferita għas-sajf. Għalhekk aħna bħala Għaqda tan-Nar konna tlabna uffiċjalment lill-Arċipriet ta' dak iż-żmien, il-Wisq Rev. Kan. Dun Ġużepp Theuma sabiex jagħraf jivvaluta din it-talba. Barra minhekk ta' min ifakkar ukoll li minħabba f'din il-kwistjoni l-ġbir tal-festa naqas drastikament minħabba d-diversi opinjonijiet li kien hemm fost il-poplu Żejtuni. Iżda hawnhekk ta' min isemmi liż-żewġ filantropiċi Żwieten, lir-Rev. Kan. Dun Gwann Palmier u lis-Sur Francis Cassar li selfuna parti sostanzjali mis-somma meħtiega biex iffirmajna



*ikompli f'paġna 19*

*ikompli min paġna 17*



l-kuntratt tax-xiri tal-art, fejn b'qalb ġeneruża din is-somma ġiet mogħtija lill-Għaqda tan-Nar bħala donazzjoni aktar tard.

B'hekk tajna l-bidu għal ħolma li kienet ilha s-snin biex titwettaq. Nistgħu ngħidu li l-aħħar festa li fiha ħadet sehem b'mod limitat l-Għaqda tagħna fix-xitwa, kien proprju f'Novembru tal-1989, fiż-żmien l-Arċiprtet Dun Karm Farrugia. Minhemm 'il quddiem qatt ma ħarisna lura sabiex il-bini tal-kumpless wasal fi tmiemu f'Jannar tal-1990. Din kienet is-sena li dawret ir-rotta tal-festa tagħna mhux biss għax minn issa 'l quddiem bdejna niċċelebraw il-festa fis-sajf iżda wkoll ix-xogħol tan-nar beda jsir kollu minna ż-Żwieten.



Xejn ma kien ward u żahar sabiex ilħaqna fejn qegħdin illum. Ftit ftit l-isforzi tagħna bdew iħallu l-frott u l-esperjenza kompliet tgħin biex imxejna 'l quddiem. B'dawn il-pedamenti mifruxa wara tant sagrifiċċju u xogħol wasalna biex naħdmu kull tip ta' xogħol fil-qasam piroteknku, kemm għalina ġewwa ż-Żejtun kif ukoll għall-festi oħra madwar Malta u Għawdex.

Matul dawn il-25 sena li l-post tan-nar ilu mwaqqaf ra bosta tibdiliet minkejja d-diffikultajiet li kellna niffaċċjaw. Bla dubju ta' xejn l-inċident traġiku ta' ħuna l-fundatur is-sur John Abela, fejn kellna nilqgħu l-isfida li nkomplu dak li kien ħalla hu. Xejn ma kien faċli sabiex erġajna ksibna l-fiduċja ġewwa fina sabiex komplejna bil-ħidma tagħna. Kien hemm membri oħrajn li ma komplewx magħna minħabba diversi raġunijiet imma kien hemm oħrajn ġodda li kienu ta' sostenn kbir għalina. Ta' min jsemmi 'l dawk li jgħinuna fil-ġbir tal-finanzi li jridu jiffaċċjaw kull tip ta' individwi, lil kull min isellfilna l-għodod u l-inġenji meħtieġa u kwalunkwe ħaġa oħra li għandha x'taqsam max-xogħol tan-nar.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-kumpless tan-nar li naħdmu fih aħna huwa espost għall-elementi kollha tan-natura. Għalhekk biex jinżamm f'kundizzjoni tajba jeħtieġ spejjeż kbar. Għad baqa' bosta xogħol xi jsir u beħsiebna fil-futur

*ikompli f'paġna 21*

*ikompli min paġna 19*

qarib nasfaltaw l-art tal-post. Il-passat jagħmlilna kuraġġ għall-ġejjieni u għalkemm hemm sfidi kbar, bil-ħidma tal-membri kollha,



li kienu diversi għal dawn l-aħħar 25 sena, bl-idejat u l-għaqda flimkien aħna żgur li jirnexxielna negħlbuhom. Għal dan il-Ġublew tal-Fidda ħejjejna xi attivitajiet biex jiġi mfakkar sew. Filfatt l-ewwel attivita' kienet quddiesa b'sufraġju għar-ruħ il-fundatur tal-Għadqa, is-Sur John Abela u tal-ex membri u benefatturi mejtin. Din iċ-ċerimonja saret nhar is-Sibt 9 ta' Mejju 2015 fil-Knisja Arċipretali tagħna. Barra minhekk hemm ippjanati attivitajiet oħrajn kemm, f'Settembru kif ukoll f'Novembru matul il-jiem tal-festa liturġika.

Filwaqt li minn qalbi nirringrazzja lil kulħadd b'mod speċjali lil dawk kollha li taw sehmhom, lil kull min jaħdem in-nar u lil kull min jagħti l-għajnuna kemm b'materjal, xogħol u fondi. Nisperaw li għas-snin li ġejjin inkomplu bil-ħidma tagħna biex inwettqu programmi tan-nar ta' kwalita' u varjeta' li jixraq għall-festa tagħna.

Nitolbu lill-Alla l-imbierek biex ikompli jħarisna u lill-maħbuba Patruna tagħna Santa Katarina V.M. biex tkompli tieqaf magħna sabiex ngħixu l-valuri Nsara u nkunu ta' xiehda tagħha f'dak kollu li nagħmlu.

**Il-President, il-Kumitat u l-Membri ta' l-Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru jawguraw il-Festa t-Tajba liż-Żwieten Kollha**